**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU WIEĦED U ĦAMSIN** **17ta' APRIL, 2019**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.15ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjur Ignatius Farrugia, l-Viċi Sindku Rita Grima u l-Kunsilliera Dr Tiffany Ann Farrugia, s-Sur Joseph D'Amato, s-Sur Pierre Farrugia, s-Sur Kenneth Farrugia, s-Sur David Abdilla u s-Sur Dino Bonnici.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Ignatius Farrguia ppresjeda s-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **51.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 51.1.1 | | Il-Kunsillier Dr Jean Pierre Attard ma attendix. Il-Kunsill ma irċeviex ittri mingħandu. |
| | | |
| **51.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| | | |
| 51.2.1 | | Fuq punt 51.2.3 is-Segretarju Eżekuttiv ressqet email riċevuta mill-Kunsill tal-Qrendi, fejn qed jgħidu li mhux qed jaċċettaw li Triq l-Imqabba minn Ħal Millieri sar-roundabout tal-Qrendi ssir *one way* imma tibqa kif inhi preżentament, biex ma jiskomodawx lir-residenti Qrendin. **Dok 2 mehmuż**.<br><br>Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li l-parti taż-Żurrieq għandha ssir xorta, imma l-Kunsill taż-Żurrieq ma jistax jobbliga lill-Kunsill tal-Qrendi biex triq issir one way.<br><br>Kien hemm qbil li ssir l-applikazzjoni fuq in-naħa taż-Żurrieq. |
| | | |
| 51.2.2 | Ġew approvati l-minuti tad-disgħa u erbgħin –il seduta. | |
| | | |
| ***51.3*** | | ***KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*** |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| | | |
| 51.3.1 | | Is-Sindku qal li bħalissa hemm wirja sabiħa ħafna fil-Mitħna tax-Xarolla. Hemm armar impekkabbli u ta' min terġa ssir tali wirja fi snin oħra, bi ftuħ aktar xieraq. |
| | | |
| 51.3.2 | | |
| | | |
| ***51.4*** | | ***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQIJIET TAL-KUNSILLIERI*** |
| | | |
| 51.4.1 | | Il-Viċi Sindku Rita Grima qalet li l-bank tad-demm ser jiġi quddiem il-Kunsill fl-1 ta' Mejju, u d-darba li jmiss tkun f'Settembru. |
| | | |
| 51.4.2 | | Il-Kunsillier David Abdilla qal li :<br>• jeħtieġ li ssir tfakkira ta' installazzjoni tas-CCTV fi Vjal il-Blue Grotto viċin il-ħwienet. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Isir appuntament ma' Transport Malta biex jagħtu parir lill-Kunsill fuq is-sistema tat-traffiku fi Triq Sant Andrija/Vjal ix-Xarolla/ Triq Bronja<br>• Ġie l-perit biex jieħu qisin ta' ġnien il-Kunsill tal-Ewropa, biex isir manutenzjoni/referbishement estensiv tal-ġnien.<br>• id-dawl ta' ġnien il-Kunsill tal-Ewropa issa ġie jaħdem |
| | | |
| 51.4.3 | | F'dan il-punt il-Kunsillier Pierre Farrugia ħareġ mis-seduta u daħal il-Kunsillier Kenneth Farrugia (ħin 18:30) |
| | | |
| 51.4.4 | | Il-kunsillier Joseph D'Amato qal li ġie avviċinat minn persuni biex il-parti tat-triq tal-mużew tal-bniet tingħalaq għat-traffiku waqt il-ħin tal-mużew.<br>Kien hemm qbil li dan il-punt jitqajjeb f'leġislazzjoni oħra. |
| | | |
| 51.4.5 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li s-Sibt 27 ta' April, ser jingħataw il-pagamenti liż-Żurrieq FC u liż-Żurrieq Wolves u jiġu ffirmati l-kuntratti bejnietom, fl-uffiċċju tal-Kunsill. |
| | | |
| 51.4.6 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li kien jistenna lis-Sindku li jgħid li l-Kunsill ser jagħti xi forma ta' rikonoxximent liż-Zurrieq FC, minħabba l-promozzjoni tagħhom għat-tieni diviżjoni. Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li hu mhux ser joqgħod jiġbed l-attenzjoni il-għaliex il-bandiera ma telgħetx meta tħabbret ir-rebħa tal-Kampjonat għax jaf li kien hemm ftehim fil-Kunsill fuq il-ġranet ta' meta għandha tittella l-bandiera, għalkemm ma jaqbilx li għal din is-sena meta fiż-Żurrieq kien hemm tliet attivitajiet prinċipali u importanti għar-raħal li l-Kunsill setgħa ħa azzjoni u tellagħha.<br><br>F'dan il-punt is-Sindku qal li mingħajr ma qallu ħadd, u għalkemm ma jifhimx fil-football, bħalma ħaddieħor mhux infurmat u mhux delettant f'affarijiet li hu bħala Sindku hu infurmat, fil-Kunsill news għamel paġna sħiħa fuq ir-rebħa taż-Żurrieq FC . Dan barra li jagħti anke donazzjonajiet minn butu personali u kien ukoll preżenti għall-aħħar logħba li saret.<br>Is-Sindku żied jiġbed l-attenzjoni tal-Kunsillier Dino Bonnici li f'attivitajiet |

| | | |
|---|---|---|
| | | prinċipali tal-Kunsill, fosthom Ġieh iż-Żurrieq hu stess ma attendiex.<br><br>Kien hemm qbil unanimu li tingħata tifkira (plakka) fl-okkażjoni li għandhom iż-Żurrieq FC fil-5 ta' Mejju. |
| ***51.5*** | | ***Rapporti*** |
| | | |
| ***51.5a*** | | ***Audited Financial Statements (kienet preżenti l-Accountant tal-Kunsill)*** |
| | | |
| **51.5A** | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-*quarterly report* tal-ewwel kwart, maħdum mill-accountant u l-*audited financial statements* maħdumin mill-adituri, għall-approvazzjoni.<br>L-Accountant Ms Doreen Mintoff spejgat l-*audited financial statements* għall-mistoqsijiet mressqa mill-Kunsill. Hi qalet li l-Kunsill għandu *clean audited report.* Il-Kunsill mar tajjeb ħafna. |
| | | |
| | | |
| ***51.6*** | | ***ITEMS OĦRA TA' XOGĦOL IEĦOR TAL-KUNSILL LOKALI LI JKUNU MEĦTIEĠA.*** |
| | | |
| 51.6.1 | | Ma kienx hemm xogħlijiet oħra x'jiġu diskussi. |
| | | |
| ***51.6a.*** | | ***APPROVAZZJONI:XOGĦLIJIET U SERVIZZI*** |
| | | |
| | | |
| 51.6.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill irċieva stedina biex għal sena oħra jieħu sehem fil-wirja tradizzjonali ta' fjuri, frott u ħxejjex fil-Ġonna ta' Sant' Anton. Kien hemm qbil li l-Kunsill jordna qoffa għall-ħlas ta' 25Euro. |
| | | |
| 51.6.2 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-pjan mibgħut mill-MEPA fuq riabilitazzjoni tal-miżbla ta' wied fulija, biex il-Kunsill japprova kif ser jinħadem il-pjan ta' logistika u minn fejn ser jgħaddu l-inġenji biex jaħdmu fuq is-sit. **Dok 6 mehmuż**<br><br>Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 51.6.3 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li wara li l-Kunsill ġab il-permess biex tiġi installata *sleeping policeman* fi Triq Santa Katarina u twaħħlet, meta għamlet l-ewwel xita qawwija(wara li twaħħlet is-*sleeping policeman*) ġew residenti li għandhom il-basement fejn ġiet installatha u nfurmaw li għerqilhom il-garage li jinsab taħt l-art. Huma qalu li xi snin ilu kien hemm *sleeping policeman* fl-istess post u meta kellhom l-istess inċident tal-ilmijiet kienu avviċinaw lill-Kunsill u tneħħiet. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-ħaddiema biex jerġgħu jneħħuha. |
| | | |
| 51.6.4 | | L-awditur ġibed l-attenzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv biex jirrapporta lill-Ministru li l-Kunsillier Jean Pierre Attard ma attendiex terz tas-seduti. Il-Kunsill qabel li għandu jsir kif titlob il-liġi. |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| 51.6.5 | | Is-Sindku qal li jekk mhux ser ninqdew malajr mill-Koptasin, u x-xogħol mitlub li jsir ma jsirx sal-aħħar ta' dan ix-xahar, il-Kunsill għandu jqabbad kuntrattur ieħor biex ilesti x-xogħol malajr. Is-Sindku qal li f'Ħal Qormi fost oħrajn, biex jitlaħħaq ix-xogħol, il-ħaddiema jaħdmu ukoll bil-lejl.<br>Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| ***51.6b*** | | ***Bye law dwar attivitajiet fil-Ġnien tal-Ġibjun*** |
| | | |
| 51.6b.1 | | Il-Kunsillier Tiffany Ann Farrugia preżentat il-bye law li fasslet, waqt laqgħat li kellha mal-Kunsilliera Joseph D'Amato u David Abdilla. Kien hemm qbil li tali bye law titressaq għall-attenzjoni tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali.<br>Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li hu ma jaqbilx mal-bye law. Il-kumplament tal-Kunsill qabel mal-bye law.<br>**Dok 7 mehmuż.** |
| | | |
| 51.6b.2 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici staqsa jekk Ġnien il-Ġibjun hux tal-Kunsill jew tal-MTA. F'dan il-punt il-Kunsillier David Abdilla qal li waqt laqgħa li kellu hu, mas-Segretarju Eżekuttiv u mal-MTA, kien hemm ftehim bejn iż-żewġ partijiet li dak li jkun hemm bżonn fil-ġnien, l-MTA lesti li jagħtu l-għajnuna. |
| | | |
| | | |
| ***51.6c*** | | ***Permessi tal-Gabbani tal-festi 2019*** |
| | | |
| 51.6c.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li minħabba l-elezzjoni ser ikun hemm il-bżonn li l-Kunsill japprova l-permessi minn issa tal-festi tar-raħal.<br>Kien hemm qbil li kollox jibqa bħas-snin preċedenti bħala postijiet u ma jingħatawx postijiet oħra għal dawk li jiġu ġodda. |
| | | |
| | | |
| ***51.6d*** | | ***Sejħiet għall-Offerti:*** |
| | | |
| 51.6d.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li fuq ***POC51/2019 – Works for the upgrading of landscaped site at Triq il-Barrieri and Triq il-Wied, in Zurrieq in an environmentally friendly manner,*** qalet li llum 17 ta' April qed jiġu evalwati t-tenders mil-Perit. Hekk kif jinstab li ż-żewġ offerenti jkollhom dak mitlub, tintgħażlet l-orħos offerta. **DOK 4**<br>L-offerenti kienu:<br>LBV LTD - 76636.75EURO<br>DELTA PROJECTS – 72546.36EURO |
| | | |
| 51.6d.2 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li fuq ***XAV-Q67/01/2019- Creation of a 15 minutes factual film for the Zurrieq Local Council,*** qalet li infetħu fis-16 ta' April, u kien hemm żewġ offerenti**. Dok 5**:<br>Outlook Coop – 9,500Euro<br>Mediatoday Co. Ltd – 5,600Euro<br><br>Iż-żewġ offerenti kellhom dak mitlub u għalhekk intgħażlet l-orħos offerta. |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| ***51.7*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA*** |
| | | |
| 51.7.1 | | Ġew approvati l-minuti tas-seduta numru 58 tal-Kumitat Amministrattivta' Bubaqra. |
| | | |
| ***51.8*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAR-REĠJUN NOFSINHAR, TAL-GALXLOKK u TAL-ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI LOKALI*** |
| | | |
| 51.8.1 | | Ġew approvati u l-Minuti tal-laqgħa tal-Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni kunsill lokali numru 18. |
| | | |
| | | |
| ***51.9*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 51.9.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 6** għall-ammont totali ta' **€54,692.05**<br><br>Tressqet ukoll invoice ta' F ZammitNurseries Co Ltd ta' 1,600Euro tas-siġar li saru taħt iċ-ċint tan-Nigret, minħabba li wasal wara li intbagħtet ix-schedule.<br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku u l-Viċi Sindku Rita Grima u l-kunsillier David Abdilla.<br><br>Din hi l-lista approvata tal-impjegati li ser jidħlu overtime għas-sibtijiet. Laqgħat oħra ta' sotto kumitati, li jinqalgħu u li s'issa m'hemmx dati tagħhom, jiġu approvati f'seduta oħra.<br><br>**Overtime / Extra Working Hours**<br><br>Mhux suppost li jkun hemm ħafna overtime minħabba l-ħinijiet ġodda tal-ftuħ tal-uffiċini. L-overtime li jista jkun hemm ikun dak urġenti biss. |
| | | |
| ***51.10*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 51.10.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fis-20:00. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 15 ta' MEJJU, 2019 fis-6.15 ta' filgħaxija. |

Konfermati, illum __15____ ta' MEJJU, 2019.

IFFIRMAT IFFIRMAT

Ignatius Farrugia
**Sindku**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**